KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlieta u Sebghin (73)***

***L-Erbgha, 20 ta' Settembru, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-6.00pm***

**73.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

73.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji

**73.2 Kuns*i*derazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

73.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 72 li nzammet nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017.

73.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 72 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

73.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 72. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 72 gew approvati unanimament.

**73.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 73/2017 – Settembru 2017***

73.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73-2017 biċ-ċekkijiet numru 5772 sa 5794 li tammonta €20,214.61

73.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73-2017 bl-ammont ta' €20,214.61
Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: il-Kunsilliera Miriam Schembri

73.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 73-2017 ġiet approvata unanimament.

**73.4 Full Development Permission: PA 0612/16: Site at, Triq il-Gudja c/w Triq ic-Ceppun, c/w Triq il-Gardell, Ghaxaq**

73.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-permess sabiex isir il-bandli inhareg u pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti finali.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attend ail-Kunsillier Keith Fenech*

73.4.2 Wara diskussjoni dwar dan, is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li fil-pjanti m'hemmx imnizzla il-giebja. Il-Kunsill qabel li ghandu jinhareg it-tender tal-Construction of Playing Field u filwaqt li t-tender tal-playing field equipment jinhareg wara.

**73.5 Garaxx tal-Kunsill, Triq il-Gudja, Ghaxaq**

73.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat tkellmet ma' sid l-ispizerija tas-St. Philips Pharmacy fejn staqsietha dwar il-garaxx li qabel kien jintuza spizerija u infurmat li l-garaxx kien mikri.

73.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li intbaghtet korrispondenza fejn gejna infurmati li l-ispizerija qed jikru garaxx fi Triq Dun Marcell Mallia.

73.5.3 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandu jikri il-garaxx mhux ibiegh.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attendiet, rapprezentanta tas-St Philip Pharmacy, sabiex tigi diskussa maghha din il-materja.*

73.5.4 Wara li saret diskussjoni ohra, il-Kunsill qal li hu lest li jaghmel talba lill-Ministru biex jinbiegh il-garaxx tal-Kunsill sabiex jintuza mill-ispizerija bhala parti mill-progett POYC.

**73.6 Korrispondenza**

73.6.1 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jitpoggew *cat kennels* fi Triq in-Narcis. Ir-residenti infurmaw lill-Kunsill li diga tkellmu bejniethom u jaqblu li ssir kif ukoll infurmaw li se jnaddfu u jiehdu hsiebha. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li titpogga wahda fi Triq in-Narcis, bi prova.

73.6.2 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha Plenarja tal-AKL li din is-sena se ssir is-Sibt, 30 ta' Settembru 2017. Il-Kunsilliera Rose Agius u l-kunsilliera Miriam Schembri ikkonfermaw li ser jattendu.

73.6.3 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha Plenarja Annwali tar-Regjun li se ssir il-Gimgha, 22 ta' Settembru 2017. Is-Segretarju Ezekuttiv iccirkulat l-inviti ghal din l-attivita'. Is-Sindku Darren Abela u l-Kunsilliera Rose Agius ikkonfermaw li se jattendu.

73.6.4 Tressqu ghall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjonijiet tal-PA ghal dan ix-xahar. Hadd mill-Kunsillieri ma kellu oggezzjonijiet.

73.6.5 Tressqet korrispondenza dwar il-*European Week for Waste Reduction* organizzata mill-Wasteserv. Din is-sena l-Kunsill qabel li mhux se jippartecipa.

73.6.6 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex toghla t-triq fil-kantuniera ta' Triq il-Gardell ma Triq San Filippu . Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li it-TM ma

tapprovax talbiet ghall-*sleeping police* fil-kantunieri. Ghaldaqstant il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ssugerixxa li isir sprall. Is-Sindku Darren Abela qal li jkellem l-perit biex l-kuntrattur jaghmel sprall fi Triq San Filippu kantuniera ma Triq il-Gardell.

73.6.7 Tressqet korrispondenza dwar Cirkulari mibghuta mid-Dipartiment dwar l-Elezzjoni Tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li kull min hu nteressat li jitfa n-nomina jista' jitlob ghall-applikazzjoni. Infurmat ukoll li l-elezzjoni ser issir is-Sibt, 14 ta' Ottubru fejn kull Kunsillier irid jivvota fil-bini tal-Kunsill.

73.6.8 Tressqet korrispondenza dwar il-Premju Anzjanita Attiva 2017 fejn is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-applikazzjonijiet huma miftuha sas-6 ta' Ottubru 2017 u stiednet lill-membri tal-Kunsill sabiex jressqu n-nomini taghhom. Is-Sindku Darren Abela ippropona lill-kunsilliera Rose Agius.

73.6.9 Tressqet korrispondenza dwar laqgha ta' konsultazzjoni dwar transport innovattiv u sostennibli li ser tigi organizzata mit-TM. Il-Kunsilliera Rose Agius ikkonfermat li se tattendi.

73.6.10 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-korrispondenzi ta' bejn iz-zewg kazini li ssemmew fil-laqgha li ghaddiet, gew mibghuta permezz ta' email lill-membri kollha tal-Kunsill.

*F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsillier Keith Fenech talab li jkun skuzat*

**73.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

73.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar is-saqaf tal-Bus Shelter li hemm fuq Santu Rokku. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo qal li kif inhu is-saqaf ma jistax icedi. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jistenna t-tender tal-gnien.

73.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq G.Demicoli qed jintrema hafna skart goff. Ghaldaqstant ippropona li ssir talba mal-LESA sabiex titwahhal camera biex issir sorveljanza taz-zona.

73.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn jitrangaw l-ispralli ta' Triq G.Demicoli. Dwar dan il-Kunsill qabel.

73.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn issir sorveljanza mill-wardens ukoll fiz-zona ta' Bir id-deheb. Il-Kunsill qabel li tintalab ukoll biex issir camera ghall-moniteragg ta' rimi ta' skart abbuziv.

73.7.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isir kors ta' skultura fuq l-injam. Il-Kunsill qabel li jsir u jipprovdi s-sala.

73.7.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-hrug ta' skart abbuziv mill-flattijiet ta' Triq Tumbarellu. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat ittra sabiex ninfurmaw li l-iskart ghandu johrog biss fil-hin u l-gurnata tieghu u jinhareg fit-tarf tal-isqaq. Ninfurmaw li se jitwahhlu l-multi f'kaz li jinqabad xi hadd li qed johrog il-boroz mhux fil-hin u fil-gurnata taghhom.

73.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn titkompla l-bankina ta' Triq Habb il-Qamh u l-materjal jinxtara permezz tat-tender ghall-materjal tal-bankini ta' Triq Santa Marija.

73.7.8 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn tintbaghat ittra ufficcjali biex jittella' hajt fil-fetha ta' bir id-deheb minhabba li qed jintrema hafna skart.

73.7.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li tintbaghat korripondenza lit-TM sabiex il-Kunsill jigi ggwidat dwar il-parkegg fiz-zona ta' Bir id-Deheb.

73.7.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir il-bankina minn Triq ic-Cimiterju sa Sqaq il-Vova kif ukoll il-bankina ta' Triq Gistakor sa Sqaq il-Gebel. Dwar da nil-Kunsill talab li ssir it-talba lit-TM.

73.7.11 Is-Sindku Darren Abela ppropona li terga ssir talba ufficjali sabiex ix-Shelters tal-Pjazza jinghataw f'idejn il-Kunsill.

73.7.12 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir l-applikazzjoni sabiex jibda r-restawr tat-Turetta.

**73.8 <u>Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri</u>**

73.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius tkellmet dwar il-konkos li inghata fejn il-post tan-nar fejn staqsiet meta ser jitkompla. Is-Sindku Darren Abela sostna li meta jitkompla jinghata l-konkos ghandu jkun hemm xi hadd rapprezentant tal-ghaqda.

73.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment dwar sleeping police magenb il-knisja. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li din tnehhiet.

73.8.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq ilment dwar il-lights ta' fejn it-turetta u l-convenience li ma tantx jidhru.

73.8.5 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq ilment dwar hofor fi Trejqet Ta' Kalamija.

**73.9 <u>Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss</u>**

73.9.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 17 ta' Ottubru 2017 fil-5:30pm

Il-Laqgha ntemmet fis-20:35pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |